MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 978/2003

**Direttur Servizzi Korporattivi**

**vs**

**Louis Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm679.33) rappresentanti danni sofferti b'konsegwenza ta' incident stradali li sehh fit-12 ta' April 2002 fi triq Luigi Rigord, Pembroke waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru EAQ196, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru GVN 136 proprjeta ta'l-attur u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Awissu 2002 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’l-avviz kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-5 ta’ Gunju 2003, fejn huwa eccepixxa illi huwa mhuwiex bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz stante li ghall-incident “de quo” kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura GVN136 u dana minhabba negligenza da parti biss ta’ dan is-sewwieq ta’ GVN136.

Sema' x-xhieda ta’ Albert Farrugia, Simon Chetcuti, Jonathan Krosse u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet involuti f’dan l-incident stradali hija wahda konfliggenti ghall-ahhar tant illi wiehed jistaqsi jekk huma kenux involuti fl-istess incident stradali. Id-deskrizzjoni tad-dinamika ta’l-incident moghtija mis-sewwieq tal-vettura proprjeta ta’l-attur u tal-passiggier li kien rikeb mieghu hija kompletament differenti minn dik moghtija mill-konvenut. Min-naha attrici, l-verzjoni motghija hija illi l-incident sehh meta l-konvenut irriversja ghal fuq il-vettura misjuqa minn Chetcuti hekk kif dan kiser sabiex idur ghal go Triq l-Isqof Anglu Portelli. Chetcuti jikkontendi illi l-van misjuq mill-konvenut kien tiela’ it-triq mill-faccata tieghu meta kiser fghal fetha li hemm bejn Triq l-Isqof Anglu Portelli u Triq Luigi Rigord, u rah iwaqqaf. Hu ikkalkula li seta ighaddi minn warajh sabiex jikser ghal go din Triq Anglu Portelli, izda f’dan il-mument l-konvenut beda jirriversja sabiex b’hekk baqa’ diehel fuqu. Din il-verzjoni hija kkoroborata minn Alfred Farrugia li kien rikeb bhala passiggier fil-mument li sehh l-incident. Fil-fatt Farrugia issostni illi bil-manuvra li ghamel il-konvenut, donnu ta x’wiehed jifhem illi huwa kien ha triq hazina, waqqaf u irriversja sabiex jaqbad triq ohra.

Illi min-naha tieghu l-konvenut jichad illi huwa kien qieghed jiriversja meta sehh l-impatt u jichad ukoll illi huwa kien tielgha mid-direzzjoni fejn jikkontendu Chetcuti u Farrugia. Fil-fatt huwa jikkontendi illi kien hiereg minn Triq L-Isqof Anglu Portelli u cioe' mit-triq fejn kien qieghed jikser Chetcuti, meta huwa waqqaf vicin fejn illum hemm l-*istop sign* u ra lil Chetcuti jikser ghal fuqu bi *speed* eccessiv sabiex b'hekk sehh l-impatt. Illi ghandu jinghad qabel xejn illi l-konvenut ma kienx midhla tal-post fejn sehh l-incident, peress illi din kienet l-ewwel darba illi huwa kien mar f'dawn l-akwati u kien mar hemmhekk fuq xoghol.

Illi di piu' il-verzjoni moghtija minnu ta' kif sehh dan l-incident stradali ma taghmilx wisq sens ghaliex ghalkemm huwa jikkontendi illi qabel l-impatt lill-vettura l-ohra ma kienx raha, izda fl-istess hin huwa seta' ighid minn liema direzzjoni kienet gejja din il-vettura. Xhieda li fiha innifisha hija kemmxejn kontradittorja. Inoltre huwa ukoll kemmxejn stramb kif il-passiggier li kien rikeb mieghu, Jonathan Cross li xehed fuq il-post ta'l-incident la seta' jaghraf il-post u wisq anqas seta' jiftakar id-dinamika ta' kif sehh dana l-incident, izda imbaghad ighid illi jiftakar ezatt fejn kienu l-hsarat fil-vetturi rispettivi. Inoltre d-deskrizzjoni li jaghti l-konvenut ta'l-incident ma jikkombacax mal-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi ghaliex kieku stess l-incident sehh kif allega l-konvenut, allura il-hsarat fil-vettura ta'l-attur kienu ikunu fuq in-naha ta' quddiem u mhux fil-genb in-naha ta' wara.

Illi ghalhekk il-verzjoni attrici hija wahda iktar kredibbli u sostenibbli, meta wiehed jikkonsidra l-fatturi hawn fuq indikati u fuq kollox il-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi tal-partijiet. Illi x'aktarx illi l-konvenut ma kienx midhla ta'l-akwati u kien qieghed ifittex il-post fejn kellu imur fuq l-lant tax-xoghol tieghu. Meta irrealizza illi kien qabad triq hazina huwa waqqaf u irriversja minghajr ma ha kont tal-vetturi li kien hemm warajh. Peress illi huwa ma indunax illi kienet ghadha kemm kissret il-vettura ta'l-attur minn warajh, huwa habat fiha meta qabad u irriversja minghajr ma ha l-prekawzzjonijiet kollha necessarji, qabel ma iddecieda li jaghmel din il-manuvra f'salib it-toroq.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u mid-dokumenti esebieti jidher illi l-ammont huwa wiehed gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, u ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ sitt mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm679.33), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Gunju 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------